**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 238/2024DC**

***Patrick Guntrip***

***vs***

***L-Awtorita tal-Ippjanar,***
***Kunsill Lokali Marsascala, u***
***L-Avukat tal-Istat***

Illum, 6 ta' Ġunju 2024

## Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-attur preżentat fil-13 ta' Mejju 2024, permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi talab lil din il-Qorti:

1. ***Proviżorjament tissospendi 1-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Patrick Guntrip vs L-Awtorita tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza 12/2022 deċiża nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), kif ukoll is-sentenza fil-grad tar-ritrattazzjoni rispettiva fl-ismijiet Patrick Guntrip vs L-Awtorita tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza 12/2022/1 LM, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-għaxra ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u dan sakemm jigu deċiżi l-odjerni proċeduri.***

2. *Tiddikjara li l-proċedura adoperata fil-kawża fl-ismijiet Patrick Guntrip vs L-Awtorita tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza 12/2022 MCH, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), illediet id-dritt għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti, hekk kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Sussugwentement tagħti dak ir-rimedju li jidhrilha xieraq w opportun fosthom li tiddikara l-istess sentenza fl-ismijiet Patrick Guntrip vs L-Awtorita tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza 2/2022 MCH, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena u tlieta u għoxrin (2023) nulla u/jew li m'għandhiex effett għall-finijiet u effetti kollha fil-liġi għalhekk tiddikjaraha mhux eżegwibbli*

4. *Konsegwentement u f'każ illi t-tielet (3) talba tiġi akkordata, tiddikjara illi s-sentenza fl-ismijiet Patrick Guntrip v. L-Awtorita tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza 12/2022/1 LM, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-għaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) nulla u/jew li m'għandhiex effett għall-finijiet u effetti kollha fil-Liġi u għalhekk tiddikjaraha mhux eżegwibbli.*

5. *Tagħti kull rimedju li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun għall-vjolazzjoni tad-dritt u/jew drittijiet tiegħu inkluż iżda mhux biss, billi tiddikjara, tillikwida u tikkundanna ħlas ta' kumpens mill-konvenuti u/jew min minnhom a favur ir-rikorrenti għall-vjolazzjoni tad-dritt u jew drittijiet sofferta mill-istess rikorrenti.*

Rat id-degriet tagħha mgħoti nhar is-16 ta' Mejju 2024[1] permezz ta' liema, fil-waqt li ordnat in-notifika tar-rikors promotur lill-konvenuti u tagħthom żmien biex jippreżentaw risposta, appuntat l-kawża għas-smigħ għal nhar it-28 ta' Mejju 2024 biex dak in-nhar tiġi trattata l-ewwel talba tal-attur.

Rat ir-risposta preżentata minn kull wieħed mill-konvenuti: dik tal-Awtorita tal-Ippjanar fid-29 ta' Mejju 2024[2]; dik tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala fit-3 ta' Ġunju 2024[3]; u dik tal-Avukat tal-Istat f'l-4 ta' Ġunju 2024[4].

[1] A fol 40.
[2] A fol 52.
[3] A fol 50.
[4] A fol 46.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-attur.

Rat il-verbal tal-udjenza miżmuma nhar l-4 ta' Ġunju 2024[5] meta l-konvenuti iddikjaraw li f'dawn il-proċeduri biss u tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami qed jirrimettu ruħhom għall-ġudizzju tal-Qorti fir-rigward tal-ewwel talba tal-attur.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi fil-qosor il-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- L-attur kien issottometta applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar liema applikazzjoni ġiet miċħuda.
- Huwa interpona appell minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema appell jidher li ġie deċiż favur tiegħu.
- Il-Kunsill Lokali ta' Marsascala appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), appell numru 12/2022 MCH, u talab lill-Qorti thassar id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni.
- Mill-bidu tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell ġie deċiż li l-ewwel tiġi trattata u deċiża eċċezzjoni preliminari sollevata mill-attur odjern dwar in-nullita tal-appell interpost mill-Kunsill Lokali. Il-partijiet ressqu provi u għamlu s-sottomissjonijet dwar dik l-eċċezzjoni u l-kawża ġiet differita għal sentenza dwar dik l-istess eċċezzjoni preliminari. Ġara pero li bis-sentenza minnha mgħotija l-Qorti tal-Appell iddeċidiet mhux biss dik l-eċċezzjoni preliminari imma anke l-mertu tal-appell. Bis-sentenza tagħha, mgħotija fid-19 ta' April 2023, il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza mgħotija mit-Tribunal ta' Reviżjoni u rrinvjat l-atti quddiem dak it-Tribunal biex jerġa jqis l-appell mill-ġdid fid-dawl ta' dak minnha deċiż.
- L-attur odjern irrikorra għall-proċedura ta' ritrattazzjoni, quddiem l-istess Qorti tal-Appell Ċivili (Sede Inferjuri), sabiex ai termini tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sentenza mgħotija fid-19 ta' April 2023 titħassar u l-każ jiġi trattat mill-ġdid. B'sentenza oħra mgħotija fl-10 ta' April 2024 il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet tal-attur għar-ritrattazzjoni.

[5] A fol 44.

- L-atti ta' dawk il-prċeduri ġew rinvjati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni biex skond ma ddeċidiet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tal-19 ta' April 2023 dak it-Tribunal iqis mill-ġdid l-appell tal-attur odjern mid-deċiżjoni tal-Awtorita tal-Ipjannar.

Illi dawn il-fatti mhux kontestati mill-partijiet, anzi hemm qbil dwarhom.

Illi rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni l-attur intavola l-proċeduri odjerni u permezz tal-ewwel talba tiegħu qed jitlob li sakemm jiġu deċiżi dawn il-proċeduri tiġi sospiża l-eżekuzzjoni taż-żewġ sentenzi mgħotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

Ikkunsidrat

Illi effettivament dak li qed jitlob l-attur permezz ta' din l-ewwel talba huwa l-għoti ta' miżura proviżorja, *interim measure*. Dwar is-setgħa ta' din il-Qorti li tagħti ordni ta' din ix-xorta esprimiet ruħha il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***:

> *Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proċeduri kostituzzjonali fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll din il-Qorti għandhom is-setgħa li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali [...] jagħtu dawk il-provvedimenti preventivi intiżi sabiex jiżguraw li sakemm tiġi determinata l-kawża kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgħa ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat u effettiv konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap 319 [Art 4(1) u (2)].*

Illi aktar minn hekk fis-sentenza mgħotija fit-2 ta' Ġunju 2014 fil-kawża ***Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et***, din il-Qorti kif diversament presjeduta qalet ukoll:

> *Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet;*

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-eżami illi trid tagħmel il-Qorti fid-determinazzjoni ta' talba għall-għoti ta' miżura proviżorja bl-ebda mod m'għandu jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża fil-mertu. Fil-fatt fl-istess kawza appena ċitata ***Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et*** intqal li

*... l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha*

Illi huwa ben stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza x'inhu l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura proviżorja hux mistħoqq. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2020 fl-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et***. F'dik is-sentenza l-Qorti elenkat l-elementi rikjesti li jridu jiġu sodisfatti biex tkun tista' tingħata miżura proviżorja.

*Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:*

*1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent. ... ...* ***{Mark Formosa vs L-Avukat Generali 14.12.2017 Prim'Awla (Kost.)}***

*2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ.****{Emanuel Camilleri vs. Spett. Louise Calleja 02.06.2014 Prim'Awla (Kost)}***

*3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtieġilha tagħmel. {**Rosette Thake v Prim Ministru 09.06.2016 Prim'Awla (Kost)**}. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema". {**Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali**}. ... ... ...*

*4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita tteħid ta' miżuri urġenti. ... ... {**Mark Formosa v L-Avukat Generali 14.12.2017 Prim'Awla (Kost)**}.*

*5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata rrimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali. Ladarba jkun hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza pro veritate habetur. Sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza għandha normalment tibqa' tgħodd, salv każijiet eċċezzjonali. {**Stephen Pirotta v L-Avukat Generali 19.04.2016 Prim'Awla (Kost.)**}.*

Illi b'referenza partikolari għal miżura proviżorja fil-forma ta' sospensjoni ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat anke wara li l-parti konċernata tkun irrikorriet għall-proċedura ta' ritrazzjoni esprimiet ruħha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ġia ċitata ***Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***

*10 ... ... ir-regola għandha tkun li, ġaladarba hemm sentenza li għaddiet in ġudikat, dik is-sentenza għandha favuriha l-presunżjoni li kull ma wassal għaliha sar rite et recte. Is-sempliċi allegazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq jew ta' xi dritt fondamentali ieħor ma jistax iwaqqaf, bħala regola, l-esekuzzjoni ta' sentenza li għaddiet in ġudikat, għax altrimenti tkun ħaġa mill-aktar faċli għal min irid jistultifika l-effett tar-res iudicata li, eżawriti l-proċeduri kollha skond il-liġi ordinarja (inkluż, fil-kaz ta' kawzi ċivili, dak ta' ritrattazzjoni, ġja` fih innifsu rimedju straordinarju) jallega xi ksur ta' dritt fondamentali. Ħaġa bħal din iġġib diżordni sħiħa fis-sistema legali u ġudizzjarja u tagħti lok għal abbuż, bi ħsara ta' min ikollu favurih sentenza tal-qorti,*

> *b'awment ta' litiġju li żgur il-Qrati tagħna m'għandhomx bżonnu … …*
>
> *11. B'dana kollu, ma jistax jiġi eskluż li jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali fejn, sabiex jiġi assigurat bl-aktar mod ampju rimedju adegwat u effettiv, ikun indikat li tittieħed miżura ad interim li jista' jkollha l-forma wkoll ta' sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza. ... ... Fil-fehma tal-Qorti, l-adegwatezza u l-effettivita` tar-rimedju li talvolta jista' jingħata wieħed irid jeżaminah mhux sempliċiment billi jħares lejn in-natura tal-vjolazzjoni lamentata u jara, fl-eventwalita` li seħħet dik il-vjolazzjoni, x'jistgħu jkunu r-rimedji, iżda wkoll billi jeżamina l-fattispeċi partikolari tal-każ, inklużi l-anteċedenti li jkunu wasslu għall-vertenza, biex jara jekk hemmx xi ċirkostanza insolita li timmilita favur il-miżura ad interim fil-konsiderazzjoni ġenerali ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.*
>
> *12. Kull każ, għalhekk, għandu jiġi eżaminat separatament u, s'intendi, mingħajr ma jiġi preġudikat il-meritu.*

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji regolaturi u b'applikazzjoni tagħhom għall-każ in eżami l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ it-talba għal miżura proviżorja hija mistħoqqa.

Illi mill-fatti kif sintetiżżati aktar 'l fuq jidher li b' xi żvista l-Qorti tal-Appell iddisponniet mill-appell li kien qed jigi trattat quddiemha f'l-intier tiegħu, cioe eċċezzjonijiet u l-mertu, meta l-partijiet kienu trattaw biss eċċezzjoni waħda partikolari u dan skond kif kienet ġiet stradata l-kawża u ċioe li l-ewwel tiġi trattata u deċiża eċċezzjoni dwar in-nullita tal-appell. Dan wassal biex ġew deċiżi punti u materji li l-partijiet ma kellhomx l-opportunita li jittrattaw quddiem il-Qorti tal-Appell.

Illi dan huwa każ eċċezzjonali u insolitu, fatt li l-konvenuti kollha jirikonoxxuh; kien propju għalhekk li ddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruħhom għall-ġudizzju ta' din il-Qorti fir-rigward tat-talba in eżami.

Illi l-Qorti jidhrilha li, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u l-anteċedenti li wasslu għal din il-vertenza, ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja tirrikjedi li sa kemm jiġu deċiżi l-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-attur, l-attur għandu jibqa fil-pożizzjoni li kien qabel ma ngħata l-ewwel sentenza mill-Qorti tal-Appell u dan biex it-trattazzjoni tal-kwestjonijiet li jridu jiġu deċiżi minn din il-Qorti fil-proċeduri odjerni *bl-*

*ebda mod ma jkun suġġetti għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għall-attur.*

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed **tilqa l-ewwel talba** tal-attur u konsegwentement qed tissospendi 1-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Patrick Guntrip vs L-Awtorita tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza 12/202 2 MCH deċiża nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena 2023, kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet Patrick Guntrip vs L-Awtorita tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza 12/2022/1 LM, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-għaxra (10) ta' April tas-sena 2024, u dan sakemm jigu deċiżi l-odjerni proċeduri.

Spejjez riżervati għal ġudizzju finali.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**